31985R2248

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 2248/85
tal-25 ta' Lulju 1985
dwar regoli dettaljati għal għajnuna amministarattiva fl-esportazzjoni ta' ġobon *Emmentaler* soġġett għal restrizzjoni ta' kwota li jikkwalifika għal trattament speċjali għall-importazzjoni fl-Istati Uniti ta' l-Amerika

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-REGOLAMENT tal-Kunsill (KEE) Nru 2931/79 tal-20 ta' Diċembru 1979 fuq l-għoti ta' għajnuna għall-esportazzjoni ta' prodotti agrikoli li jistgħu jibbenefikaw minn trattament speċjali ta' importazzjoni f'pajjiż mhux membru [1], u b'mod partikolari Artikolu 1(2) tiegħu,

Billi l-Komunità u l-Istati Uniti ta' l-Amerika ftiehmu skond il-GATT li jippermettu importazzjoni fl-Istati Uniti ta' ġobon li ġej mill-Komunità soġġett għal restrizzjopni ta' kwota b'effett mill-1 ta' Jannar 1980; billi dan il-ftehim kien approvat bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 80/272/KEE [2];

Billi l-Istati Uniti ta' l-Amerika ntrabtu li jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex il-maneġġjar tal-kwota mill-amministrazzjoni tkun tali li tippermetti l-aħjar użu tagħha; billi fid-dawl ta' l-esperjenza jidher li huwa xieraq li tiġi msaħħa l-koperazzjoni amministrattiva ma' l-Istati Uniti ta' l-Amerika biex ikun assigurat li l-kwota ta' ġobon *Emmentaler* ġej mill-Komunità tkun utiliżżzta għal kollox; billi l-ġobon konċernat għandu għaldaqsant ikollu miegħu attestat maħruġ mill-awtoritajiet kompetenti tal-Komunità;

Billi l-miżuri li hemm provduti f'dan ir-Regolament huma konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Ħalib u Prodotti tal-Ħalib,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Għall-esportazzjoni lejn l-Istati Uniti ta' l-Amerika (inklużi Puerto Rico u l-Ħawaj) ta' ġobon *Emmentaler* bis-sottotitolu 04.04 A tat-Tariffi Komuni Doganali u s-sottotitolu Nru 117.60.25 ta' l-Iskeda tat-Tariffi ta' l-Istati Uniti li hija soġġetta għal restrizzjonijiet ta' kwota, l-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru esportatur għandha toħroġ fuq talba ta' l-esportatur attestat li jikkorrispondi mal-mudell mogħti fl-Anness ta' hawn.

Artikolu 2

1. Formoli għandhom jiġu stampati fuq karta bajda ta' format 210-296 millimetri u jkunu miktuba bl-Ingliż. Kull attestat għandu jingħata numru ta' serje mill-awtorità li tkun ħarġitu. Stati Membri esportaturi jistgħu jitolbu li l-attestati maħruġa fit-territorju tagħhom jkunu miktuba fil-lingwa uffiċjali tagħhom, jew f'waħda mil-lingwi uffiċjali tagħhom, barra milli bl-Ingliż.

2. Kull attestat għandu jsir f'oriġinali u f' tal-anqas żewġ kopji. Il-kopji għandu jkollhom l-istess numru ta' serje bħall-oriġinali. L-oriġinal u l-kopji għandhom ikunu ttajpjati jew miktuba bl-idejn, b'ittri kbar bil-linka.

Artikolu 3

1. L- attestat u l-kopja tiegħu għandhom jinħarġu mill-awtorità nominata għal dan il-għan mill-Istat Membru esportatur.

2. L-awtorità li toħroġ l-attestat għandha żżomm kopja tiegħu. L-oriġinal u l-kopja l-oħra għandhom ikunu preżentati fl-uffiċċju tad-dwana tal-Komunità fejn id-dikjarazzjoni tal-esportazzjoni tintbagħat.

3. L-uffiċċju tad-dwana msemmi fil-paragrafu 2 għandu jimla s-sezzjoni xierqa fuq l-oriġinal u jibagħtha lura lill-esportatur jew lir-rappreżentant tiegħu. Huwa għandu jżomm kopja.

Artikolu 4

L-attestat ma jkunx validu sakemm ma jkunx ittimbrat kif xieraq mill-uffiċċju tad-dwana. Huwa għandu jkopri l-kwantità ta' ġobon *Emmentaler* indikat fuqu u jrid ikun preżentat lill-awtoritajiet tad-dwana ta' l-Istati Uniti ta' l-Amerika. Madankollu, kwantità li teċċedi b'mhux aktar minn 5 % dik indikata fl-attestat għandha tkun meqjusa bħala koperta minnu.

Artikolu 5

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiċċekkjaw l-oriġini, it-tip, il-kompożizzjoni u l-kwalità ta' ġobnijiet *Emmentaler* li għalihom jinħarġu l-attestati.

Artikolu 6

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-publikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Għandu japplika mill-1 ta' Settembru 1985.

[1] ĠU L 334, tat-28.12.1979, p. 8.
[2] ĠU L 71, tas-17.3.1980, p. 129.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fil-25 ta' Lulju 1985.

Għall-Kummisjoni

Frans ANDRIESSEN

Vici-President

ANNEX

EUROPEAN COMMUNITY

1 Exporter	**CERTIFICATE** **FOR THE EXPORT OF EMMENTALER CHEESE TO THE UNITED STATES OF AMERICA** No ORIGINAL
2 Consignee	3 Issuing authority

NOTES

A This certificate must be made out in one original and at least two copies.

B The description of the cheese must include the type in addition to any brand or trade name.

C The original and one copy must be produced for certification to the customs office with which the export declaration is lodged.

D The original must be produced to the customs authorities of the United States of America.

4 Marks and numbers — Number and kind of packages — Description of cheese	5 Gross mass (weight) in kg
	6 Net mass (weight) in kg
	7 Invoice(s) No(s)

8 THE ISSUING AUTHORITY hereby certifies that the cheese described above

— was produced in the Community from raw materials of Community origin

— is of sound and fair marketable quality.

Place and date:

(Signature) (Stamp)

9 CERTIFICATION BY THE COMPETENT CUSTOMS OFFICE IN THE COMMUNITY

Authorization for the export to the United States of America of the cheese covered by this certificate has been given.

Export declaration:

— type:

— number:

— date of acceptance:

(Signature) (Stamp)